**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 391/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Anthony Zahra**

**Mark Piscopo**

Illum it-30 ta' Ottubru 2019:

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Anthony Zahra, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 333045M, u Mark Zahra akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Gunju, 2012, fil-Furjana, ghall-habta tal-16:10 PM:

> B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw offiza ta' natura gravi u li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, u/jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Hector Zammit.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti sabet liz-zewg imputati, Mark Piscopo u Anthony Zahra, hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghhom u kkundannathom in

kwantu ghall-imputat, Mark Piscopo, s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) u in kwantu ghall-imputat, Anthony Zahra, s-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000).

*Oltre* dan, ordnat sabiex *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati *in solidum* ihallsu lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez involuti fl-inkjesta u dan fi zmien tlett (3) xhur minn meta jigu hekk mitluba mid-Direttur tal-Qrati Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Zahra, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat il-verbal tas-seduta tat-02 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti halliet l-appell ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant.

Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellant, Anthony Zahra, huwa s-segwenti w *cioe'*:-

> Illi l-ewwel aggravju ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati sabitu hati vikarjament bhala direttur tas-socjeta` Green Investments Limited meta hu gie akkuzat biss f'ismu personali u mhux ghan-nom ta' din is-socjeta`. Infatti jirrizulta mill-bran segwenti tas-sentenza appellata li huwa ma giex misjub hati fil-vesti tieghu personali:
>
> > "L-imputat Anthony Zahra gie akkuzat fil-vesti tieghu personali li kkaguna ferita gravi involontarja fuq il-persuna ta' Hector Zammit u dan minhabba imperizja negligenza u non osservanza tar-regolamenti. F'dan ir-rigward id-difiza sostniet li l-imputat personalment m'ghandux x'jaqsam mal-incident izda semmai messu gie imharrek fil-vesti tieghu ta' Direttur tas-socjeta` Green Investments Limited.
> >
> > Jirrizulta mill-provi u dan mhux kontestat li l-art fejn kienu qed isiru l-loghob tappartjeni lis-socjeta` Green Investments Limited kif del resto stqarr Anthony Zahra stess fl-istqarrija tieghu. Jirrizulta wkoll mix-xhieda [recte: xiehda] ta' Dr. Amanda Poole li xehdet ghan-nom u in rappresentanza tal-MFSA li Anthony Zahra huwa Direttur tas-socjeta` Green Investments Limited.

> Illi hija s-socjeta` Green Investments Limited li hija responsabbli ghall-operat ta' dan il-ground. L-imputat personalment m'ghandu x'jaqsam xejn. Kien imsiefer meta sehh l-incident u ghalhekk zgur li ma kienx *on site* u lanqas ma seta' jara kif sehh l-incident. Is-socjeta` Green Investments Limited kienet qabbdet lill-ko-akkuzat Mark Piscopo sabiex jiehu hsieb dawn il-grounds kif del resto jikkonferma l-istess Mark Piscopo. Jirrizulta effettivament li dakinhar Mark Piscopo kien mar fil-ground qabel il-loghob biex jipprepara l-ground u dan fuq struzzjonijiet moghtija lilu mis-segretarja tas-socjeta` Green Investments Limited u cioe` Sue Borg. Illi ghalhekk <u>fid-dawl ta' dawn il-provi ma thossx li huwa jista' jinzamm responsabbli</u>." (sottolinear ta' l-esponent)

Illi ghalhekk l-esponent gie pjenament assolt minn xi forma ta' responsabilita` personali. Infatti, iktar 'il quddiem fis-sentenza il-Qorti tal-Magistrati, jinghad li l-esponent ghandu jirrispondi vikarjament fit-termini ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta] u mhux personalment.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza ghal gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn intqal li c-citazzjoni tkun kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skond il-ligi, anke minghajr riferenza ghas-socjeta` in kwistjoni. Dan huwa korrett in kwantu jirrigwarda l-validita` tac-citazzjoni. Pero` l-insenjament ta' din il-gurisprudenza ma jieqafx hemm.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Bonnici*** *(26.05.1995)*, liema sentenza giet citata mid-difensuri ta' l-esponent fis-sottomissjonijiet finali taghhom, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kompliet tghid li, mill-banda l-ohra, meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess mill-ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza – <u>mhux fl-isem ta' l-imputat jew akkuzat, cioè mhux fl-okkju tal-kawza</u> – ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda; cioè, ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imharrek jew akkuzat minhabba r-responsabbilità vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indikazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu: altru wiehed irid iwiegeb ghal reat kommess minnu stess, altru jekk irid iwiegeb ghal reat kommess minn haddiehor.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Martin Pillow*** *(18.11.2011)* fejn il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni, *inter alia*, is-sentenza ta' ***Bonnici***, *supra*, minghajr ebda rizerva.

Illi iktar recentement, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Paul Camilleri u Josephine Camilleri*** *(30.06.2016)*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, filwaqt li rribadiet il-principji stabbiliti fis-sentenza ta' ***Bonnici***, qalet hekk:

> "…ir-responsabbilita` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili.

> Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat[i] fil-vesti ta' direttur jew in rappresentanza ta' xi socjeta` kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b'mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilita` vikarja taghhom bhala ufficjali / diretturi tal-korp."

Illi fil-kaz in dizamina ma jidher minn imkien "mill-korp tal-akkuza" li l-esponent qed jigi mharrek minhabba r-responsabilita` vikarja tieghu bhala direttur ta' Green Investments Limited. Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, illum pjuttost kopjuza, il-Qorti tal-Magistrati kellha necessarjament, wara li ddikjarat li kien qed jigi assolt minn kwalsiasi responsabilita` personali, tghaddi biex tilliberah minn kull htija u piena.

Illi fis-sentenza ta' ***Bonnici*** il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li tali indikazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu: altru wiehed irid iwiegeb ghal reat kommess minnu stess, altru jekk irid iwiegeb ghal reat kommess minn haddiehor. Naturalment id-differenza bejn responsabilita` personali u responsabilita` vikarja hija wahda sostanzjali peress li fit-tieni kaz, skond l-imsemmi artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, l-oneru tal-prova huwa spostat fuq l-imputat li jkun qed jirrispondi f'ismu personali ghan-nuqqasijiet tas-socjeta`. Ghalhekk ikun leziv tad-dritt ta' l-esponent ghal smigh xieraq sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jigi mharrek f'ismu personali u jigi minnu pretiz li jiddefendi ruhu wkoll minn xi forma ta' responsabilita` vikarja bil-konsegwenti spostament ta' l-oneru tal-prova.

Illi, infatti, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Alfred Mansueto*** *(22.04.1983)*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet illiberat lill-appellant proprju ghaliex kien gie akkuzat f'ismu personali mentri kien irrizulta li r-reati addebitati lilu kienu gew kommessi minn socjeta` li taghha kien direttur. F'dak il-kaz il-Qorti kienet qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti … thoss li fic-cirkostanzi ta' dal kaz l-imputat ma kellux jigi imharrek personalment ghax in-nuqqasijiet tal-kumpanija li taghha hu direttur mhumiex necessarjament tieghu ukoll, u kif inhu imharrek ma jistax jiddefendi ruhu bl-istess mod li kien jiddefendi ruhu kieku gie mharrek sewwa cioe` bhala direttur tal-kumpanija."

Illi ghalhekk il-gurisprudenza in materja hija pjuttost cara u fl-eventwalita` li imputat jigi mharrek f'ismu personali u mhux ghan-nom ta' socjeta` u mill-korp tal-akkuza ma jkunx jidher li qed jigi mharrek minhabba r-responsabilita` vikarja tieghu, dak l-imputat ghandu jigi lliberat mill-imputazzjoni migjuba kontrih salv naturalment l-eventwalita` li jkollu jirrispondi f'ismu personali, haga li f'dan il-kaz giet eskluza kategorikament mill-istess Qorti tal-Magistrati kif jirrizulta inekwivokabilment mill-bran citat mis-sentenza appellata.

Rat l-atti tal-kawza

Semgħet it-trattazzjoni limitatament fuq l-ewwel aggravju.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-ewwel aggravju migjub 'il quddiem mill-appellant Anthony Zahra li jisħaq li għandu jigi lliberat mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu u dan ghaliex ghalkemm imharrek f'ismu personalment, huwa imbaghad gie misjub hati fil-kapacita vikarja tieghu fit-termini ta'l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni bħala direttur tas-soċjeta' Green Investment Ltd. Madanakollu jihaq illi minn imkien mill-akkuza lilu addebitata ma jirrizulta illi huwa kien qed jigi mixli f'din il-kapacita' tieghu.

Illi minn qari tac-citazzjoni huwa evidenti illi l-appellant huwa mixli fil-kapacita personali tieghu. L-akkuza ma taghmel ebda referenza ghas-socjeta Green Investments Limited li taghha l-appellant huwa d-direttur. Issa s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> **"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."**

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellant jirrizulta illi l-partikolarijiet tieghu gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita tieghu. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li dwaru gie mixli fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta mill-provi izda illi dan ir-reat gie lilu addebitat bhala rapprezentant ta' korp guridiku billi hu ma kienx fizikament responsabbli ghal agir li allegatament wassal ghall-event dannuz mertu tal-kaz.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellant jigi iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali basta li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu bhala ufficjali/diretturi tal-korp u mhux ghal xi raguni ohra. F'dan il-kaz, izda, dan ma sehhx, ghalkemm il-fattispecje u l-provi jindikaw xort'ohra.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

**"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."**

<u>Izda</u>:

**"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, <u>fl-imputazzjoni jew fl-akkuza</u> — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—<u>ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu</u>. Jekk**

**mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.[1]"**

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta vikarja tal-appellant ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, jibqa' ghalhekk biex jigi determinat jekk giex ippruvat illi fil-vesti tieghu kif indikat fl-akkuza, u cioe' fil-vesti tieghu personali huwa jistax jinzamm responsabbli ghall-incident li sehh minhabba b'xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni. Dan ghaliex l-appellant ma huwiex qieghed jillanja min-nullita tac-citazzjoni billi din hija wahda li saret skont il-ligi, kif inghad, izda jilmenta unikament illi huwa qatt ma seta jinsab hati tar-reat lilu addebitat kif mixli.

Issa minn qari tas-sentenza appellata huwa bil-wisq evidenti illi l-ewwel Qorti , ghalkemm ghamlet esposizzjoni legali valida dwar dak li iwassal ghar-responsabbilta' vikarja tal-persuna akkuzata, madanakollu xortawahda sabitu hati tal-akkuza kif addebitata lilu meta dan ma seta' qatt jirrizulta ippruvat. Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-appellant Zahra f'ebda mument ma kien fuq il-post meta seħħ l-inċident u l-ebda azzjoni minn naha tieghu fil-vesti tieghu personali ma wassal sabiex isehh l-inċident li fih spicca ferut il-vittma Hector Zammit. Jirriżulta fil-fatt mill-istqarrijiet rilaxxati minnu illi l-appellant Zahra kien ilu madwar sentejn ma jersaq lejn dan il-*ground* tal-*football* li kien f'idejn is-socjeta Green Investments Limited li taghha huwa id-direttur. L-appellant jisħaq ukoll illi s-soċjeta responsabbli għall-manteniment tal-lasti hija tas-soċjeta' Intersteel Fence Ltd, fejn l-aħħar xogħol fuqhom sar għall-ħabta ta' Jannar jew Frar 2012 u liema xoghol jikkonsisti f'xogħol ta' *refurbishment* ta' dawn l-istess lasti barra mill-manutenzjoni tal-*ground* innifsu. Illi allura l-uniku n-ness li jista' jigi stabbilit bejn il-persuna tal-appellant u l-event dannuz huwa biss fil-vesti tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' Green Investments Limited u mhux fil-vesti tieghu personali.

Nieqsa allura mill-korp tat-tahrika dan il-fatt determinanti li fuqhom kellha tirrizulta l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija

[1] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

kontra l-appellant dwar fatti li huwa qatt ma gie imharrek dwarhom. Dan ghaliex huwa qatt ma seta jinsab hati ta' reat fil-vesti tieghu personali ghaliex dan in-ness bejnu u bejn l-event dannuz kif inghad ma jirrizultax mill-provi. L-Ewwel Qorti ghalhekk errat meta sabitu hati ta' fatti li dwarhom huwa qatt ma gie mixli u cioe' li holqot ness bejn l-appellant fil-vesti tieghu vikarja mal-event dannux meta dan il-fatt ma kienx jirrizulta mill-akkuza lilu addebitata. Illi l-Avukat Generali fil-fatt, fis-sottomissjonijiet orali maghmula fil-kors ta' dan l-appell, jikkoncedi illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-ilment minnu ventilat.

Stabbilit ghalhekk illi l-Ewwel Qorti qieset ir-responsabbilta' ta' Zahra a bażi tar-responsabbilta' vikarja tiegħu in konnessjoni mas-sit fejn seħħ il-każ u stabbilit ukoll illi m'hemm assolutament l-ebda provi dwar ir-responsabbilta' personali tiegħu għall-incident mertu tal-kaz, hija ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellant Zahra kif akkuzat u b'hekk hu ser jiġi lliberat mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant, tirrevoka s-sentenza appellata moghtija fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

Edwina Grima

Imħallef